MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 3279/1996/1

**Joe Tonna (Properties) Limited**

**Vs**

**Joseph u Maria Antonia konjugi Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-20 ta' Novembru 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Marzu 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Camilleri *et* vs Joseph Tonna *nomine"* (Citaz. Numru 1150/90 JF) is-socjeta` attrici giet ikkundannata taghmel xi xoghlijiet

rimedjali f' fond fi Triq il-Keffa, Swieqi fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza, taht id-direzzjoni tal-perit AIC David Pace;

Premess illi bl-istess sentenza tat-30 ta' Marzu 1995 il-Qorti ordnat li fin-nuqqas li dan isir, ix-xoghlijiet isiru mill-konvenut a spejjez tas-socjeta` attrici u dan taht is-sorveljanza ta' l-istess perit AIC David Pace;

Premess illi b' rikors prezentat fis-27 ta' Frar 1996 il-konvenuti wara li ppremettew *inter alia* li s-socjeta` attrici m' ghamlitx ix-xoghlijiet relattivi fiz-zmien stabbilit, talbu lill-Qorti tawtroizzahom sabiex jezegwixxu s-sentenza moghtija minnha fit-30 ta' Marzu 1995 billi johorgu l-mandati opportuni kkontemplati mil-Ligi kontra s-socjeta` attrici ghab-bazi ta' l-ammont li rrizulta mill-istima tal-perit Montebello li gie unilateralment inkarigat minnhom;

Premess illi fil-fatt il-konvenuti m' ghamlux ix-xoghlijiet pero` xorta talbu l-hlas taghhom a bazi ta' stima *ex parte* li hija eccessiva u li tinkludi xoghlijiet mhux ordnati mill-Qorti;

Premess illi minkejja dan il-Qorti b' digriet moghti fil-11 ta' Marzu 1996 laqghet it-talbiet tal-konvenuti kif dedotti fl-imsemmi rikors, liema digriet huwa konsegwentement irrit u null;

Premess illi a bazi ta' dan id-digriet il-konvenuti ottenew l-ispedizzjoni ta' mandat ta' qbid (mandat numru 1612/96 SF fl-ismijiet "Joseph Camilleri *et* vs Joseph Tonna *nomine"*) li gie esegwit billi nqabdu l-oggetti ndikati fil-lista tal-marixxall annessa fl-atti tal-mandat liema oggetti ma jappartjenux lis-socjeta` istanti izda lil Joe Tonna personalment;

Premess illi l-konvenuti bdew proceduri sabiex dawn l-oggetti jinbieghu b' subbasta li giet appuntata ghall-4 ta' Dicembru 1996 (subbasta numru 290/96 fl-ismijiet "Joseph Camilleri *et* vs Joseph Tonna *nomine"*);

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li d-digriet fuq imsemmi moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Marzu 1996 huwa irrit u null ghaliex moghti fuq talba ta' rikors li ma kienx jirrifletti l-fatti u l-istess sentenza fuq imsemmija;

2. Konsegwentement tirrevoka l-istess digriet;

3. Tirrevoka u tannulla l-atti tal-mandat ta' qbid numru 1612/96 SF fl-ismijiet "Joseph Camilleri *et* vs Joseph Tonna *nomine*" u;

4. Tirrevoka u tannulla l-atti tas-subbasta numru 290/96 PA fl-istess ismijiet;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-rikors prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-24 ta' Gunju 1997 li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi preliminarjament in-nullita tal-proceduri odjerni stante li d-digriet moghti mill-Qorti fil-11 ta' Marzu 1996 huwa finali u ma jistax jigi impunjat permezz ta' citazzjoni;

2. Illi ma jezisti l-ebda ness bejn ir-raguni espressa fl-ewwel talba tac-citazzjoni ghar-revoka tad-digriet moghti mill-Qorti fil-11 ta' Marzu 1996 u r-raguni ghar-revoka tad-digriet kif espressa fil-premessi tac-citazzjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tas-16 ta’ Marzu 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-istanza odjerna taf il-bidu taghha lill-kawza fl-ismijiet inversi “Joseph Camilleri *et* –vs- Joseph Tonna *nomine*” (Citazz. Nru. 1150/90) deciza fit-30 ta’ Marzu 1995;

Mill-attijiet taghha jirrizulta li l-kwestjoni li l-kontendenti kienu qeghdin jikkontrovertew dwarha kienet tikkoncerna allegazzjoni ta’ xoghlijiet difettuzi u mhux skond l-arti u s-sengha fl-ezekuzzjoni ta’ l-appalt kommissjonat mill-attwali konvenuti lis-socjeta` attrici. Respinti l-eccezzjonijiet ta’ l-attwali socjeta` attrici f’ dik il-kawza, il-Qorti, wara li sabet li verament certi xoghlijiet ma sarux sew, ikkundannatha biex zmien sitt xhur tirrimedja x-xoghol kollu difettuz u, in mankanza, li dan l-istess xoghol isir mill-konvenuti prezenti;

Sussegwentement ghal dik id-decizjoni l-kontroversja bejn il-kontendenti ssoktat issegwi dan il-perkors;

I. B’ rikors intavolat fis-27 ta’ Frar 1996 il-konjugi Camilleri nformaw lill-Qorti illi s-socjeta` appaltatrici ma

ezegwietx ix-xoghlijiet rimedjali fit-terminu lilha ordnat. Informawha wkoll illi ma kellhomx fondi disponibbli taghhom biex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet kif gja kien gie lilhom hekk koncess. Talbu ghalhekk illi l-Qorti takkordalhom id-dritt illi jezegwixxu l-mandati opportuni ghab-bazi ta’ stima redatta mill-perit taghhom wara konsult mal-perit tekniku li kien inhatar fil-kawza;

II. B’digriet tal-11 ta’ Marzu 1996 il-Qorti laqghet it-talba taghhom. Ir-raguni moghtija kienet l-inadempjenza mhux gustifikata tal-prezenti socjeta` attrici;

III. Ottenut dan id-digriet jidher mill-korp tac-citazzjoni, izda mhux minn xi atti li baqghu ma gewx prezentati mis-socjeta` attrici nonostante l-verbal tat-12 ta’ Mejju 1999 (fol. 23), illi l-konvenuti odjerni pprocedew b’ mandat ta’ qbid (numru 1612/96) u bil-proceduri tas-subbasta (numru 290/96);

Posta l-kwestjoni li l-partijiet qeghdin jikkontendu dwarha jinghad qabel xejn illi l-obbjett li s-socjeta` attrici trid tilhaq bl-azzjoni prezenti hu dak li d-digriet profferit fil-11 ta’ Marzu 1996, u allura wkoll l-atti l-ohra kollha sussegwenti ghalih, kellhom jigu dikjarati nulli ghal motiv illi skond is-socjeta` attrici l-istess digriet inghata a bazi ta’ rikors “li ma kienx jirrifletti l-fatti u s-sentenza”;

Biex issostni din il-posizzjoni taghha s-socjeta` attrici pproduciet bhala l-uniku xhud taghha lil Joseph Fenech, wiehed mid-diretturi taghha. Fl-Affidavit tieghu (fol. 30) dan ix-xhud sintetikament jistqarr li:

(i) mar ma’ certu Lautier ta’ l-irham izda nqalghu argomenti mal-konvenuti u kellhom jitilqu;

(ii) mar mal-Perit David Pace (espert tekniku fil-kawza) biex dan jindikalu x-xoghlijiet li kellhom isiru izda hawn ukoll inqalghu argomenti u l-konvenuti keccewhom il barra;

(iii) siehbu d-direttur l-iehor mar darbtejn ma’ l-*electrician* u mat-*tile layer* izda l-konvenuti anke lil dawn ma hallewhomx jirrangaw id-difetti;

Aktar tard in kontro-ezami dan ix-xhud jghid ukoll illi kien mar ukoll xi hadd ta’ l-*aluminium* u xi bajjad (fol. 51);

Evalwata din ix-xiehda din il-Qorti tistqarr li ma ssibha xejn attendibbli. Dan ghab-bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

I. Ibda biex l-allegazzjonijiet ta’ ostruzzjonizmu jinsabu kompletament zmentiti mill-konvenut Joseph Camilleri (ara Affidavit tieghu a fol. 36);

II. B’ applikazzjoni tar-regola li min jallega jrid jipprova (Artikolu 562, Kapitolu 12), is-socjeta` attrici naqset, imbaghad, li tipproduci x-xhieda idonei imsemmija jew riferiti fl-Affidavit ta’ Joseph Fenech biex jikkorroboraw il-versjoni taghha tal-fatti. Addirittura naqset li tipprezenta l-Affidavit tal-Perit David Pace li skond il-verbal tat-2 ta’ Lulju 1999 (fol. 25) hi kienet iddikjarat li behsiebha tipproduci;

III. Hekk ukoll naqset li tesebixxi l-lista tax-xoghlijiet li allegatament ix-xhud Joseph Fenech in kontro-ezami jghid li saru, u li ma kienx semmihom qabel fl-Affidavit tieghu “ghas-setghet qabzitli” (fol. 50);

IV. Kif hekk ukoll naqset li tattira l-attenzjoni tal-Qorti u tal-perit tekniku (fol. 58) dwar l-allegati ostakoli da parti tal-konvenuti fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet rimedjali. Dan minimament bl-iskop li tkun in grad tiggustifika n-nuqqas taghha li tezegwixxi x-xoghlijiet;

V. Il-Qorti tinnota mbaghad illi fir-risposta taghha ghar-rikors tal-konvenuti ghall-hrug tal-mandat ma nsibu lanqas minimu accenn ghal dawn is-supposti ostakoli li issa s-socjeta` attrici ghogobha tivventila bhala xi fatti veri u reali;

Kif prospettat il-kaz tas-socjeta` attrici din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni illi anke fuq il-bazi purament fattwali ma takkordax kredibilita` lill-versjoni mtennija mill-uniku xhud taghha. Anzi hi tal-ferma konvinzjoni illi b' kuxjenza kwieta tghid illi hi proprju din l-istess versjoni taghha illi ma tikkorrispondix ghall-fatti – dawk veri u mhux immaginarji – u ghas-sentenza. Dan b' applikazzjoni tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u tal-verosimiljanza, li huma meqjusa bhala s-substrat li fuqhom jirpoza l-konvinciment tal-gudikant.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez gudizzjarji kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------